TRIBUNAL GĦAT-TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 316/11 (JE).

Robert Fenech

vs

Vision & Sound Communications Ltd.

Illum, 26 ta' Jannar 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ippreżentat minn Robert Fenech fis-6 ta' Mejju 2011 fejn stqarr illi fl-10 ta' Ottubru 2019 xtara "netbook" mudell Eee PC 1005HA mingħand is-soċjetà konvenuta għall-prezz ta' € 394.25. Fil-bidu ta' Mejju 2011, in-netbook ma baqgħax jaħdem u għalhekk, fis-6 ta' Mejju 2011, l-attur ħadu għand l-attur minn fejn kien xtrah. Ġie nfurmat illi l-"motherboard" tan-"netbook" kienet bil-ħsara imma s-soċjetà konvenuta rrifjutat illi tbiddel l-imsemmi "motherboard" peress illi min immanufatturah jagħti garanzija ta' sena u s-soċjetà konvenuta ma ridietx tirrispetta l-garanzija legali ta' sentejn. Għaldaqstant, l-attur kellu jixtri "netbook" ġdid minħabba xogħol u talab li s-soċjetà konvenuta ssewwi n-"netbook" a spejjeż tagħha kif ukoll kumpens għad-dewmien u spejjeż li soffra.

Ra illi s-soċjetà konvenuta, debitament notifikata, baqgħet kontumaċi

Sema' l-provi tar-rikorrenti.

Ikkunsidra.

Illi l-artiklu 74(1) tal-Kap. 378 jispeċifika illi l-"kummerċjant ikun responsabbli li jipprovdi rimedju skond dan l-artikolu lill-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità fl-oġġetti li kienet teżisti meta l-oġġetti ġew ikkunsinnati mill-kummerċjant lill-konsumatur." Illi skond ix-xhieda tal-attur, in-"netbook" in kwistjoni ħadem regolarment għal sena u nofs u ma kien hemm l-ebda kwistjoni illi ma kienx qed jaħdem sew. Il-fatt illi wara sena u nofs marret il-"motherboard" tan-"netbook", ma jfissierx illi l-prodott mibjugħ ma ġiex kkonsenjat in konformità "mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ". Fil-fatt, il-garanzija kummerċjali mogħtija mill-kummerċjant kienet għal sena u dan il-fatt jippresumi illi l-kummerċjant u l-produttur kienu konxji illi l-prodott mibjugħ seta' jiżviluppa xi ħsara imma kienu lesti illi jagħmlu tajjeb għal tali ħsara għall-ewwel sena biss wara l-bejgħ u kunsinna.

Illi l-attur għamel referenza għall-"garanzija legali" ta' sentejn imma l-liġi titkellem dwar perjodu ta' sentejn illi fih il-konsumatur jista' jitlob rimedju jekk jirriżulta illi l-prodott mibjugħ m'huwiex konformi "mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet tal-bejgħ" (artiklu 78 tal-Kap. 378) illi hija ħaġa ben diversa minn "garanzija legali" ta' sentejn. Di più, ma jidhierx illi l-attur ottempora ruħu mal-provvedimenti tal-artiklu 79 tal-Kap. 378.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontrih.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.